**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 28 ta' Jannar 2016**

**Pulizija**

**Spettur Edel Mary Camilleri**

**Vs**

**Pierre Vassallo**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Pierre Vassallo ta' 36 sena, bin Mario u Carmen nee' Borg, imwieled Attard nhar is-26 ta' Frar 1979, u li joqghod 54, Merhba, Triq ic-Caghki, Rabat. Detentur tal-karta tal-identita' numru 141279(M);

Talli nhar l-1 ta' Gunju, 2015 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zmijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ohra u cioe' lil Elaine Psaila mir-Rabat, kif ukoll gab ruhu b'mod li kien jaf jew imissu kien jaf li dan kien ta' fastidju ghal dik il-persuna u cioe' Elaine Psaila mir-Rabat;

2) U aktar talli gab ruhu b’mod li kkaguna lil haddiehor u cioe’ lil Elaine Psalia mir-Rabat, biza’ li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta’ taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna imsemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta meta hu kien jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi had iehor u cioe lil Elaine Psalia hekk tibza kull darba minn dawn l-okkazjonijiet;

U aktar talli f’zewg okkazjonijiet nhar id-29 ta’ April 2015, f’dawn il-Gzejjer gab ruhu b’imgieba li tammonta ghal segwiment ta’ persuna bil-mohbi u ikkaguna li persuna ohra u cioe’ Elaine Psaila mir-Rabat tibza’ f’zewg okkazjonijiet li ser tintuza vjolenza fuqha, jew ikkaguna fuq persuna ohra cioe’ lil Elaine Psaila mir-Rabat allarm jew dwejjaq li jkollu effett avers sostanzjali ;

U aktar tali f’dawn il-Gzejjer, nhar id-29 ta’ April, 2015 ghal habta tad-9:30 ta’ filghodu saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBC231 b’manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;

Kif ukoll talli nhar id-29 ta’ April, 2015 ghal habta tad-9:30 ta’ filghodu, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBC231 bi speed eccessiv;

U aktar talli fl-1 ta’ Gunju 2015, ghal habta tas-7:15 ta’ filghaxija hedded bi kliem lil Elaine Psaila mir-Rabat.

U finalment talli f’dawn il-Gzejjer,fid-dati, hinijiet u cirkostanzi msemmija hawn fuq, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, sar hati ta’ reat li hu kellu jissorvelja

biex ma jsirx jew li minhabba il-kariga tieghu u cioe' ufficjal tal-Pulizija, hu kellu id-dmir li jimpedixxi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, fit-28 ta' Jannar 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi l-parti leza talbet li tinghata protezzjoni mill-agir tal-imputat, izda ma riedetx li jinghata piena ta' prigunerija;

Rat illi, ghalhekk, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta mal-imputat b'mod sommarju;

Rat illi l-Qorti ghalhekk setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 251A, 251B, 251BA, 339(1)(d) u (e), 141 u 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda timmultah is-somma ta' mitejn u tletin ewro (€230.00).

Tordna s-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghall-perijodu ta' tlitt (3) xhur;

Tordna, inoltre, il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 ghal tlitt (3) snin.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**